**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum it-Tlieta 18 ta' Frar, 2025**

**Kawża fil-lista Nru: 3**

**Rikors Guramentat Nru: 918/2016 AF**

**Adrian Ellul u martu Lorraine Ellul ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Maxlene Carabott**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Adrian Ellul u martu Lorraine Ellul, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti huma sidien ta' negozju gestit minn zewg hwienet u cioè il-hanut bl-isem "El Phone" fi Pjazza Madonna Medjatrici, Haz-Zabbar, u l-hanut bl-isem "Il Telefonino" fi Triq is-Sur, il-Fgura ghall-bejgh ta' prodotti telefonici u elettronici u servizzi relatati mal-istess inkluzi accessorji.

L-intimata Maxlene Carabott kienet ghal xi zmien tassisti fil-gestjoni u ghal xi zmien kellha f'idejha l-gestjoni tal-hanut "El Phone" fi Pjazza Madonna Medjatrici, Haz-Zabbar.

Fost is-servizzi moghtija mir-rikorrenti minn gewwa l-hanut "El Phone" kien hemm servizzi li r-rikorrenti kienu joffru ai termini ta' ftehim datat l-1 ta' Novembru tas-sena 2010 li l-istess rikorrenti kellhom mal-Melita Mobile Limited, illum Melita Limited.

Fil-kors tal-involviment taghha fl-imsemmi hanut, l-intimata Maxlene Carabott gabret u zammet ghaliha minghajr dritt u ad insaputa u minghajr l-awtorizzazzjoni da parti tar-rikorrenti jew min minnhom ammonti kbar ta' flus minghand diversi persuni, kif ghandu jirrizulta ahjar mill-provi.

Inoltre fiz-zmien meta Maxlene Carabott kienet fdata bil-gestjoni tal-imsemmi hanut, naqsu mill-imsemmi hanut diversi stocks, siha minhabba traskuragni u negligenza murija mill-istess Maxlene Carabott fil-gestjoni tal-istess hanut kif ukoll minhabba agir illegali u abbuziv da parti tal-istess Maxlene Carabott, a skapitu tar-rikorrenti, dejjem kif ghandu jirrizulta wkoll ahjar mill-provi.

Bl-agir taghha, l-intimata Maxlene Carabott ikkawzat danni ingenti lir-rikorrenti kif ghandu jirrizulta wkoll ahjar mill-provi.

Minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghal hlas u likwidazzjoni tad-danni hekk ikkagunati, u ghalkemm

ammettiet dan kollu anke bil-miktub (vide Dok. AE1), l-intimata baqghet inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk kellha tigi istitwita din il-procedura sabiex l-intimata tersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni minnha kkawzati lir-rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimata fiz-zmien meta l-intimata Maxlene Carabott kienet involuta fil-gestjoni tal-hanut "El Phone" fi Pjazza Madonna Medjatrici, Haz-Zabbar, prorpjetà tar-rikorrenti, ikkawzat danni lir-rikorrenti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ghal liema danni tahti biss l-istess intimata.

2. Tillikwida d-danni hekk ikkawzati mill-intimata lir-rikorrenti u dan occorrendo permezz ta' periti li jigu nominati ghal dan l-iskop.

3. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti in linea dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez, kontra l-intimata li minn issa tibqa' ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata Maxlene Carabott li permezz tagħha ġie eċċepit:

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eċċipjenti la qatt żammet xi flus kif allegat fir-raba' paragrafu tar-rikors ġuramentat u lanqas hija responsabbli għal xi nuqqas ta' stocks kif allegat fil-ħames paragrafu tar-rikors ġuramentat.

Illi inkwantu għall-iskrittura esebita bħala Dok AE1, din hija nulla u bla effett stante li l-eċċipjenti ġiet imġiegħla tiktibha permezz

ta' theddid prattikat fuqha mill-attriċi Lorraine Ellul u Jason Schembri, ir-raġel ta' oħt l-attur Adrian Ellul u kwindi l-eċċipjenti teċċepixxi l-vizzju tal-kunsens tagħha.

Dikjarazzjoni

Il-konvenuta tikkonferma bil-Ġurament is-segwenti fatti li tafhom personalment:

Illi l-esponenti kienet tassisti fit-tmexxija tal-ħanut tal-atturi 'El Phone' f'Ħaż Żebbuġ bejn Settembru 2012 u l-10 ta' Ġunju 2016. Hija qatt ma assistiet lill-atturi fit-tmexxija tal-ħanut l-ieħor tagħhom bl-isem 'Il Telefonino' fil-Fgura.

Illi matul il-perjodu kollu fuq imsemmi, l-esponenti qatt ma approprjat ruħha minn xi flejjes li kienu jinġabru mingħand il-klijenti ta' Melita Mobile Limited, illum Melita Limited.

Illi fir-rigward ta' xi stocks allegatament nieqsa, l-esponenti wkoll m'għandha ebda responsabbilta` la minħabba xi aġir traskurat u/jew negliġenti u lanqas minħabba xi aġir illegali u abbusiv tagħha kif qed jiġi allegat.

Illi l-iskrittura Dok AE1 eżebita mill-atturi mar-rikors ġuramentat hija nulla u bla effett stante li l-esponenti ġiet mġiegħla tagħmilha u tiffirmaha mill-attriċi Lorraine Ellul u Jason Schembri, ir-raġel ta' oħt żewġha, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi għalhekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2020 il-Qorti ordnat is-soprasessjoni tal-kawża sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-intimata.

Rat illi fl-udjenza tal-4 t'Ottubru 2023 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex titkompla miexja l-kawża.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2023, peress illi l-intimata baqgħet ma dehritx, il-Qorti ddikjarat illi hija ma kellhiex provi xi tressaq.

Semgħet it-trattazzjoni verbali da parti tar-rikorrenti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża permezz ta' liema r-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara lill-intimata responsabbli għad-danni kkawżati lilhom meta ħadet għaliha, flus li kellhom jitħallsu lis-soċjetà Melita Mobile Limited illum Melita Limited. Konsegwentement talbu li ssir il-likwidazzjoni tad-danni u li l-intimata tiġi kkundannata tħallas l-ammont likwidat. In sostenn tat-talba tagħhom ir-rikorrenti ppreżentaw flimkien mar-rikors promotur kopja ta' skrittura ai termini ta' liema l-intimata ammettiet li hija debitriċi tar-rikorrenti.

In difiża tagħha l-intimata eċċepiet illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati u li hi m'għandha ebda responsabbilità għal dak allegat mir-rikorrenti. Eċċepiet ukoll illi l-iskrittura esebita flimkien mar-rikors promotur hija nulla għaliex fil-mument li ffirmat dik l-iskrittura hija kienet mhedda mir-rikorrenti u għalhekk dak il-ftehim huwa karpit minn vizzju tal-kunsens.

Mill-provi jirriżulta li r-rikorrenti huma s-sidien ta' żewġ ħwienet li joffru servizzi u prodotti relatati mat-telefonija. L-intimata kienet impjegata tar-rikorrenti u kienet taħdem fil-ħanut bl-isem "El Phone" li jinsab fi Pjazza Madonna Medjatriċi, Ħaż-Żabbar.

Jirriżulta li fl-1 ta' Novembru 2010 ir-rikorrenti Adrian Ellul iffirma kuntratt ma' Melita Mobile Limited (Melita) għall-ħlas ta' kontijiet għas-servizzi ta' Melita. Dan kien ser ifisser illi l-utenti tas-servizzi ta' Melita setgħu jibdew iħallsu l-kontijiet relattivi direttament fil-ħanut tar-rikorrenti. Da parti tiegħu ir-rikorrenti kellu jiġbor il-flus tal-kontijiet u jgħaddihom lil Melita u in kambju ta' dan jitħallas *commission*.

L-intimata kienet impjegata sabiex tagħmel dan ix-xogħol marbut mas-servizzi ta' Melita u għalhekk kienet inkarigata illi tiġbor il-flus skont il-kontijiet, toħroġ l-irċevuti relattivi, timmarka l-pagament fis-sistema elettronika ta' Melita biex turi li l-kont ikun tħallas, u tiġbor il-flus li finalment riedu jgħaddu għand Melita.

Ir-rikorrenti kellhom fiduċja kbira fl-intimata u minn sempliċi relazzjoni bejn is-sid u l-impjegata, r-relazzjoni ta' bejniethom żviluppat għal waħda aktar profonda. Ir-rikorrenti jammettu li ma kienux jiċċekkjaw ix-xogħol tal-intimata tant kemm kienu jafdawha u fil-ftit okkażjonijiet li kienu jiċċekkjaw il-flus tal-kontijiet li tkun tathom mal-lista tal-kontijiet imħallsa il-konteġġi kienu jaqblu.

Fis-sena 2016, għall-ħabta ta' Ġunju r-rikorrenti rċieva telefonata mingħand id-diriġenti ta' Melita fejn dawn infurmawh illi kien hemm bilanċ konsiderevoli dovut lilhom in relazzjoni mal-kontijiet. Ir-rikorrenti kienu ferm sorpriżi dwar dan għaliex qatt ma kellhom suspetti fl-intimata.

Fit-13 ta' Ġunju 2016 ir-rikorrenti ħassewhom kostretti jirraportaw lill-intimata. Huma rrikorrew għand il-Pulizija Eżekuttiva li fir-rigward ta' dak li rraportaw ir-rikorrenti arrestat lill-intimata, interrogatha, investigata u addirittura ħarġet fil-konfront tagħha elenku ta' akkużi prinċipalment dwar serq u miżapproprjazzjoni ta' flus għad-dannu tar-rikorrenti. Il-proceduri fil-każ kontra l-intimata għadhom pendenti.

Intant, meta r-rikorrenti rraportaw l-akkadut lill-Pulizija huma għaddew ukoll kopja tal-ftehim li kien ġie miktub u ffirmat mill-intimata fejn din ammettiet ir-responsabbilità tagħha u li kienet ser trodd lura s-somma ntiera. F'dan ir-rigward xehdet l-Ispettur Doriette Cuschieri li apparti li kkonfermat li l-iskrittura in atti hija kopja identika ta' dik li ġiet murija lilha mir-rikorrenti, spjegat illi mill-investigazzjoni, senjatament minn dak li kienet stqarret l-intimata fl-istqarrija rilaxxjata minnha, kienet proprju l-intimata li kienet kitbet u ffirmat il-karta meta hi iltaqgħet mar-rikorrenti f'parking fix-Xgħajra. Mill-istqarrija li tinsab esebita in atti jirriżulta li l-intimata qalet li l-karta ffirmatha għaliex kienet

mhedda. Dwar il-kwistjoni tal-allegat theddid, l-Ispettur Cuschieri xehdet illi minn riċerka li għamlet fid-*database* tal-Pulizija ma jirriżultax li l-intimata għamlet rapport dwar xi theddid.

Il-Qorti rat il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata mill-intimata fis-17 ta' Ġunju 2016 minn fejn jirriżulta li l-intimata, dakinhar, stqarret illi hija ġieli għamlet *fake deposits* imbagħad kienet tirranġa hi biex eventwlament l-ammont jiġi depożitat. Tgħid ukoll illi ġieli għaddiet kontijiet bla ma rċeviet flus però dawn ma kienux ikunu ammonti kbar.

In atti ġew preżentati wkoll *audio recordings* ta' telefonati li saru bejn ir-rikorrenti Lorraine Ellul u l-intimata, *recordings* li ttieħdu *ad insaputa* tal-intimata. In atti ġew preżentati wkoll traskrizzjonijiet tal-istess *recordings* minn liema jirriżulta li Lorraine Ellul ċemplet lill-intimata numru ta' drabi u kull konverżazzjoni bejn it-tnejn kienet għall-fini li Ellul tiskopri sewwa sew x'kien ġara, għaliex l-intimata ħadet il-flus tal-kontijiet u jekk dawn ħadithomx għaliha jew biex tgħaddihom lil ħaddieħor. Għal dawn il-mistoqsijiet l-intimata ġieli kienet evażiva fir-risposti tagħha biss kien hemm episodji fejn kienet aktar sinċiera u rrikonoxxiet il-ħtijiet tagħha. Fil-kors ta' telefonata li seħħet nhar il-11 ta' Ġunju 2016, għall-mistoqsija tar-rikorrenti Lorraine Ellul jekk il-flus ħadithomx hi, l-intimata wieġbet:

"*Maxlene:* *Mhux dak l-ammont imma*" (a fol. 177)

Tkompli tgħid:

"*Maxlene:* *Lor, ħa nara minn fejn ħa nġibhom*." (a fol. 175)

U

"*Maxlene:* *Ħa nirranġa*" (a fol. 180)

Mistoqsija jekk ħaditx il-flus għaliha jew għal ħaddieħor tinstema' tgħid:

"*Maxlene:* *Mhux għalija imma żgur*"

L-intimata tinstema' wkoll tgħid illi ser jgħinuha l-familjari tagħha kif ukoll illi:

"*Maxlene:* *Kieku l-flus ħadthom jiena bulk cash kieku ma noqgħodx attenta x'nagħmel u ma nagħmilx u x'nista' nonfoq imma tibżax xorta jiena għamilt l-iżball naf*." (a fol. 186)

Ir-rikorrenti seħħilha wkoll tieħu *recording* tal-konverżazzjoni li kellha mal-intimata wiċċ imb'wiċċ nhar il-11 ta' Ġunju 2016 meta dawn it-tnejn iltaqgħu fix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar. Il-konverżazzjoni seħħet meta kienu fil-vettura tal-għamla Toyota Vitz proprjetà tar-rikorrenti. Preżenti kien hemm ukoll Vince Carabott ossia r-raġel tal-intimata kif ukoll Jason Schembri li apparti li huwa r-raġel t'oħt ir-rikorrenti Lorraine Ellul, huwa wkoll kuntistabbli tal-Pulizija, PC405. Minn dan ir-*recording* jinstema' fost l-oħrajn jingħad hekk:

"*Jason:* *Skużani ħa naqbeż Maxlene. Taf li dejjem iċċajtajt miegħek u hekk imma llum serju.*

*Vince:* *Qed tkellimna bħala pulizija jew ta' ħabib?*

*Jason:* *Le serju ta' ħabib that's it. Ismani u nġib rispett kbir lilek iġifieri wkoll. Ismani Maxlene ammont x'hemm x'hemm ammont nieqes? Ħa nibdew minn hawn.*

*Maxlene:* *Ma nafx.*

*Jason:* *Għax inti qed tgħid li ma jistax ikun*

*Maxlene:* *Ma nafx Jas*

*…*

*Maxlene:* *Ma nafx l-ammont eżatt għalhekk jien.*

*Lorraine:* *Ma kontx tieħu noti allura kont tgħaddi l-kontijiet tan-nies biex għall-inqas tkun taf inti? E?*

*Jason:* *Għax ħa ngħidlek jekk hemm ħamsin elf ewro*

*Maxlene:* *Ara sal-aħħar ta' Mejju nkunu 51 issa Adrian jaf li kellu 9 għandu joħdhom jiġifieri dawk jiġu 42"*

Fil-mertu, din tal-lum hija kawża fejn ir-rikorrenti qegħdin ifittxu li jitħallsu mill-intimata somma nġenti ta' flus li r-rikorrenti ġew mitluba jħallsu minn Melita. Fil-fatt, in atti ġew esebiti dokumenti li juru li Melita ħadet passi fil-konfront tar-rikorrenti u b'lodo arbitrali tat-8 ta' Lulju 2020 r-rikorrenti Adrian Ellul (għaliex il-kuntratt kien sar proprju bejn Adrian Ellul waħdu u Melita) ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €108,593.57 inkluż l-imgħax legali dekorribbli minn dakinhar tas-7 t'Ottubru 2016.

Ir-rikorrenti eċċepiet li mhijiex responsabbli għad-danni mġarrba mir-rikorrenti kif ukoll illi l-iskrittura tal-11 ta' Ġunju 2016 hija nulla stante vizzju tal-kunsens da parti tagħha.

Fl-ewwel lok, minkejja dak minnha eċċepit, l-intimata għażlet li ma tersaqx sabiex tiddefendi l-interessi tagħha. Fil-kors tal-proċeduri odjerni ngħad li l-intimata kienet sejra tirrikorri għad-dritt li tibqa' siekta sabiex ma tippreġudikax ruħha in vista tal-proċeduri kriminali li sa llum jirriżultaw għadhom pendenti.

Għad illi l-proċess kriminali u dak ċivili jimxu separatament wieħed mill-ieħor, il-Qorti xorta tqis opportun tgħid illi xejn minn dak illi qiegħed jingħad hawn m'għandu jippreġudika l-pożizzjoni tal-intimata fil-proċess kriminali fil-konfront tagħha.

Issa, fil-kamp ċivili l-grad tal-prova li jrid jintlaħaq għas-sodisafazzjon tal-liġi huwa fil-grad tal-probabbli, grad li huwa distint mill-grad tal-prova rikjest fil-kamp tal-proċeduri kriminali.

Abbażi ta' dak li jirriżulta mill-atti, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti seħħilhom jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-Qorti u fil-grad illi trid il-liġi li kienet proprju l-intimata li ħadet il-flus in kwistjoni. Dan kif *del resto* ammettiet hi stess fid-diskussjonijiet li kellha mar-

rikorrenti, diskussjonijiet li din il-Qorti kellha l-opportunità tisma' tramite r-*recordings* in atti. In oltre, ir-rikorrenti għandhom ukoll f'idejhom skrittura li jirriżulta mill-atti, dejjem abbażi ta' dak li stqarret l-intimata stess fl-istqarrija minnha rilaxxjata lill-Pulizija Eżekuttiva, li kitbitha l-istess intimata fejn tammetti li hija debitriċi tar-rikorrenti. L-iskrittura tgħid hekk:

> "*11-06-2016*
>
> *Jiena Maxlene Carabott id 506985M nammetti li kwalunkwe ammont ta' flus li jridu jiġu depositati lil Melita ser jiġu mogħtija minni lil Adrian Ellul. Kwalunkwe stock nieqes għandu jiġi rikonċiljat il-valur tagħhom ukoll. Mill-ammont irridu jitnaqqsu disat elef li jinsabu għand Adrian Ellul. Jien hawn taħt qed niffirma*.
>
> *L-ammont totali bħalissa huwa ta' €51,600 li minnhom hemm €9,00 għand Adrian. Dan l-ammont huwa sa l-aħħar ta' Mejju 2016*."

L-intimata eċċepiet il-vizzju tal-kunsens u l-konsegwenti nullità tal-iskrittura mertu ta' din il-kawża. Fir-risposta ġuramentata tagħha tgħid illi din l-iskrittura nkitbet u ġiet iffirmata minnha għaliex mhedda mir-rikorrenti. Madanakollu, l-intimata mhux talli ma tirraportax inċidenzi ta' allegat theddid, talli saħansitra lanqas imqar ressqet ħjiel ta' prova in sostenn ta' tali allegazzjoni. In atti għalhekk ma tirriżulta ebda prova in sostenn ta' dak eċċepit mill-intimata.

Stabbilit illi hija l-intimata li għandha twieġeb għad-danni subiti mir-rikorrenti, imiss issa jiġi stabbilit l-ammont da likwidarsi. Hemm differenza sostanzjali bejn l-ammont li r-rikorrenti ġie kkundannat iħallas ai termini tal-lodo arbitrali tat-8 ta' Lulju 2020 u dak imniżżel fuq l-iskrittura. Madanakollu, jidher illi l-ammont indikat fuq l-iskrittura jaqbel ma' dak li kienet qed taħseb li kien dovut l-intimata kif fil-fatt tinstema' tgħid fil-konverżazzjoni wiċċ imb'wiċċ li kellha mar-rikorrenti Lorraine Ellul fil-11 ta' Ġunju 2016. Minn dan l-istess *recording* jirriżulta li effettivament l-intimata ma kelliex rendikont ta' kemm kien attwalment dovut għaliex kif tammetti hi stess, qatt ma żammet

nota ta' dan.  Jidher però li mill-investigazzjoni li għamlu Melita, l-ammont realment dovut kien ferm akbar minn dak indikat mill-intimata, liema ammont jinkludi mhux biss flus dovuti minn kontijiet imħallsa iżda wkoll valur ta' stock li r-rikorrenti kienu jġibu mingħand l-istess Melita sabiex ibiegħuh mill-ħanut tagħhom.  Hija l-intimata stess li tikkonċedi u tobbliga ruħha fl-iskrittura imsemmija li ser tħallas lura lir-rikorrenti kwalunkwe ammont ta' flus li jintalab minn Melita u kull ammont ta' stokk li ser jiġi rikonċiljat.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi waqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimata,

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u waqt illi tiddikjara li l-intimata kkawżat danni lir-rikorrenti, tillikwida s-somma ta' mija u tmint elef hames mija u tlieta u disghin Ewro u seba' u hamsin centezmu (€108,593.57) u tikkundanna lill-intimata tħallas l-ammont hekk likwidat inkluż ukoll l-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu minn Maxlene Carabott.

IMHALLEF

DEP/REG